MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2013

Avviz Numru. 434/2012

**Emanuel Mangion**

**vs**

**David Scicluna**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur li gieipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-28 ta' Dicembru 2012 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' sebat elef u tmienja u tletin Ewro u erbghin centezmu (€7,038.40) rapprezentanti ta' somma li giet imhallsa in eccess ta' dak li kien attwalment dovut lilu ghal xogholijiet li saru fil-fond tal-attur fuq inkarigu tieghu stess.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sal-effettiv pagament kontra l-intimat li minn issa huwa ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut David Scicluna li giet prezentata fil-31 ta' Jannar 2013 fejn eccepixxa:

*1. “Illi fl-ewwel lok din it-talba hija preskritta fil-fatt u fid-dritt u dan skond l-artikolu 2149(d) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;*
*2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mir-rikorrent mhuwiex dovut stante li r-rikorrent ma hallas l-ebda ammont in eccess u dan kif ser jigi ippruvat ampjament matul it-trattazzjoni tal-kawza;*
*3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet suesposti, l-intimat umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kollha kontra tieghu.”*

Rat in-nota tal-attur pprezentata fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar is-16 ta’ Ottubru 2013 (fol. 14) li permezz taghha nforma l-Qorti li wara li sar access fil-fond Flats Awsalla, Triq il-Konvoj ta’ Santa Marija, Kalkara il-partijiet ftiehmu li jittransigu l-kawza bis-segwenti mod:

1. Li mill-ammont in kwistjoni jonqos is-somma ta’ elf ewro (€1,000) u l-bilanc restanti jithallas lura mill-konvenut lill-attur.
2. Li l-konvenut ihallas l-ispejjez legali nvoluti fil-kawza.

Rat illi fis-seduta tat-23 ta Ottubru 2013 l-konvenut u l-avukat difensur tieghu ma dehrux.

Rat li l-avukat ta’ l-attur talab li din il-Qorti taghti sentenza a bazi tal-ftehim esebit il-Qorti.

Rat ghalhekk illi skond il-ftehim esebit l-konvenut accetta li huwa ghandu jaghti lill-attur is-somma ta’ sitt elef u tmienja u tletin ewro u erbghin centezmu (€6,038.40) u ghalhekk huwa debitur tal-attur f’din l-istess somma. Jirrizulta wkoll li skond dan il-ftehim l-partijiet qablu li l-konvenut ghandu jinzamm responsabbli ghall-ispejjez tal-kawza.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma maqbula**

**bejniethom ta' sitt elef u tmienja u tletin ewro u erbghin centezmu (€6,038.40).**

**L-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu mill-konvenut u l-imghax fuq is-somma jibda jiddekorri mil-lum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------